# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 476/2022 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**SM)**

**U**

**AA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' SM u AA datat 9 ta' Settembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti żżewġu nhar il-21 ta' Frar 2009 fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, liema żwieġ ġie reġistrat bin-numru progressiv 108/2009. Dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat* ***Dok. A****;*

2. *Illi frott taż-żwieġ tar-rikorrenti twieled wild, ċioè SA ('il quddiem imsejjaħ 'il-minuri') li twieled f'X;*

3. *Illi r-rikorrenti huma separati permezz tal-kuntratt pubbliku datat id-9 ta' Jannar 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa, kopja legali tiegħu hawn annessa u mmarkata* ***Dok. B*** *('il quddiem imsejjaħ 'il-kuntratt ta' separazzjoni'), fejn ġiet ukoll terminata u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Minn dan il-kuntratt 'l quddiem, il-partijiet qatt ma reġgħu*

*irrikonċiljaw bejniethom;*

4. *Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti ilhom aktar minn ħames snin separati de iure, u kwindi ilhom jgħixu mhux flimkien għal perjodu li jiżboq bil-bosta t-terminu ta' żmien rikjest mill-Artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

5. *Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni ġie maqbul illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata konġuntivament bejn il-partijiet filwaqt li r-residenza prinċipali tal-minuri tkun mar-raġel fil-L. Permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni r-rikorrenti mara aċċettat u ddikjarat li qiegħda tirrinunzja mid-dritt tal-manteniment għall-minuri. Għal din ir-raġuni, bejn il-partijiet m'hemm ebda pendenza u/jew pretenzjonijiet ta' manteniment għall-minuri;*

6. *Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni, huma ddekadew mid-dritt ta' manteniment reċiproku u għalhekk l-ebda manteniment għal xulxin mhu dovut;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

8. *Illi l-partijiet qegħdin ukoll jippreżentaw l-affidavits tagħhom li qegħdin jiġu annessi u mmarkati bħala* ***Dok. C*** *u* ***Dok. D*** *rispettivament;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 22 ta' Settembru li permezz taghha l-partijiet ppresentaw l-affidavit taghhom;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA xehed** (vide affidavit Doc C fol 8) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-21 ta' Frar 2009 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Jannar 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**SM xehdet** (vide affidavit Dok D fol 9) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Frar 2009, liema

zwieg jgib certifikat numru 108/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom wild.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa nhar id-9 ta' Jannar 2017 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 108/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**